MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 353/2012

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Raymond Mifsud (K.I. 0075865M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob hlas tal-ammont ta' elf u disgha u sebghin ewro u erbgha u sebghin centezmu tal-ewro (€1079.74) dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghal servizzi rezi u prodotti provduti mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenut skont ftehim bil-miktub iffirmat bejn il-kontendenti, vide statement of account hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'VF1'; illi l-konvenut minkejja li gie debitament interpellat ghal hlas baqa' inadempjenti; bl-imghax mid-data ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitlu 12 tal-ligijiet ta' Malta bin-numru 698/2012, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 832/12 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 839/12,ipprezentati fil-

Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet fuq premessi, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil- 15 ta’ Jannar, 2013 mill-Avukat Ingrid Daniela Gauci u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf u disgha u sebghin ewro u erbgha u sebghin centezmu tal-ewro (€1079.74) u dan bl-imghax mid-data ta’ kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitlu 12 tal-ligijiet ta’ Malta bin-numru 698/2012, tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju bin-numru 832/12 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 839/12, mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------